KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju, 2020 fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Carmen Borg - Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**15.01 ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

15.01.01 Vincent Bonello – Viċi Sindku
Louise Portelli – Kunsillier

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**15.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.02.01 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 14 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**15.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-bandli sa jkun qiegħed jinfetaħ mil-bidu ta' Lulju

15.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-filmati li saru dwar il-Ħamrun sa jibdew jintwerew fuq it-Transport Publiku.

15.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-Bus Stop ta' triq Kappilan Mifsud qiegħed jiġi installat.

15.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill mhux iqassam iktar xirjiet iżda l-fondazzjoni talbitna biex ninfurmawom jekk ikun hemm xi familji fil-bżonn.

15.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li Transport Malta approvaw li ma jagħadux vetturi kbar fi' Triq Santa Marija.

15.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li l-Kameras fi' Triq Qormi u Cordina Perez twaħlu u fadal li jitwaħlu ma' l-internet.

15.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ħaddiema tal-kumpaniji waqfu u irringrazjajna il-kumpaniji ikonċernati. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irimarka li kumanija partikolari faħritna ħafna.

15.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa il-kunsill waqt laqgħa ma ministri ikonżernati inġibdet l-attenzjoni dwar l-illegalitajiet li qed jiġri fil-Ħamrun u huwa propona li jekk ikun hemm bżonn inqabdu puluzija aħna u nħallsu l-ħinijiet żejda bħala kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament. **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irimarka li qed ikun hemm gruppi ta' nies fuq il-bankina nies oħra ma jkunux jistgħu jagħddu. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irimarka li meta saqsa lil puluzija dwar dan, qalulu li mhux illegali.

15.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-għaqda Hamrun Liberty, Sezzjoni festa tixtieq tagħmel l-istatwa ta' San Geatano ġiet biex ittina spjegazzjoni dwar il-proġett. Huma spjegaw kollox u l-kunsill approva unanimament li lest jigħn fl-ispiża sa €5,000.

15.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li sar xogħol ta' manutenzjoni fil-librerija u din sa terġa tiftaħ f'Lulju.

15.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li r-reġjun offra li joħroġ it-tender ta' d-dwal fit-triq għar-reġjun kollhu. Il-Kunsill qabel unanimanet

15.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-ministeru ta' l-ambjent sa jkunu qiegħed jinvesti miljun ewro fi proġett ambjentali fil-Ħamrun.

15.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm possibilta li l-kunsill ikollu l-"EPOS machine" biex in-nies jinqdew aħjar. Huwa qal li ikun hemm bżonn li il-ħaddiema Fiorella Schembri ikolla aċess għal internet banking bħala USER biex inkunu nistgħu naħdmu aħjar. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** saqsa dwar Jum Il-Ħamrun u l-attivitajiet l-oħra li norganizaw ġewwa l-kunsill. Huwa issuġerixxa li dawn jsir min Settembru il-quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li urejna interess għal proposta ta' "Slow Streets" u qal li ha jsir studju mir-reġjun. Huwa talab lil min għandu xi idejat biex iressaqom filwaqt li meta għamilna mistoqsija fuq il-medja soċjali, hafna iproponew li tingħalaq triq il-Kbira.

15.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** saqsa hux ħa issir l-attivita kul nhar ta' Ġimgħa "Pjazza Mużika" fi pjazza San Pawl kif ġie diskuss qabel. Il-Kunsill qabel li issir unanimament.

## 15.04 Rapport Amministrativ Kunsilliera

15.04.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** informa lil kunsillera li għandu bżonn ir-rapport amministrativ ta' kull kunsillier għas-sena 2019. Huwa talab li dawn jintbgħatu kemm jista jkun malajr.

## 15.05 Festival ta' ċ-Ċikulatta

15.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** qal li l-gvern ċentrali qiegħed jipjana attivitajiet tal-massa u huwa jaħseb li b'din l-attivita nkunu qedien nigħnu l-ħwinet fil-Ħamrun. Huwa jemmen li importanti nżommu il-livell iżda fl-istess ħin ma' nagħmlux "commitments" li ma nkunux nistgħu nikanċelaw jekk jinqala xi ħaġa. Huwa issuġerixxa wkoll li tikber iz-zona ta' l-attivita. **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** irrimarkat li importanti li jkun hemm pjan li jekk jinqala xi ħaġa il-kunsill ma jitlifx flus. **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li irridu nkunu kawti għax il-Virus għadu magħna.

15.05.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irrimarka li l-organizzatur ħareg l-aħbar dwar il-festival qabel il-kunsill, huwa qal li mhux ħaġa tajba. Huwa irrimarka li jixtieq li tkun iktar ċara li huwa il-kunsill li jorganizza l-festival. **Il-Kunsillier Cynthia Tomassuolo** saqsiet xinhu r-rwol ta' l-organizzatur. **Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li huwa jikoordina l-istands filwaqt li jiġbor l-isponsors, huwa jikkordina il-loġistika dakinhar ta' l-attivita kif ukoll l-attrazjonijiet prinċipali. **Is-Kunsillier Jurgen Grixti** rimarka li

jixtieq li l-kunsill joħroġ sejħa għal min jixtieq ikun organizzatur. Il-Kunsill qabel li din is-sena naħdmu ma' l-istess persuna, anki minħabba li huwa għandu l-esperjeza neċċesarja flimkien ma obligazzjonijiet kuntratwali. Iżda qabel unanimament li għas-sena d-dieħla issir prelimenary market consultation.

**15.06**

**Kumpanija tal-Ħalib**

15.06.01

**Is-Sindku Christian Sammut** rimarka li waslu diversi ilmenti dwar riħa f'ċertu zoni, huwa qal li sar kuntant mal-kumpanija u dawn infurmawħ li kellhom xi ħsarat u issa isewew. Huwa issuġerixxa li nlaqaw il-persuni milquta u imbgħadt il-Kunsill irridt jideċiedi x'ħa jagħmel. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** irrimarka li huwa mar personalment fuq il-post u jaqbel li qd ikun hemm riħa xejn pjaċevoli. Il-Kunsill qabel unaniment li issir laqgħa publika dwar is-suġett.

**15.07**

**Festi 2020**

15.07.01

**Is-Sindku Christian Sammut** informa li il-festa ta' l-Imakulltat Kunċizzjoni sa tikonsisiti f'serata mużikali il-Ġimgħa, ikla is-Sibt u pellegrinaġġ il-Ħadd. Il-Kunsill qabel unanimament li ma jinħargux permessi ta' gabani waqt il-festi kif ukoll li juża is-servizzi varji ta' xi għaqdiet bi spiża massima ta' €200 kull għaqda

15.07.02

**Is-Sindku Christian Sammut** informa li il-festa ta' San Gejtanu hemm ħsieb li tiġi iċelebrati fil-każini rispettivi filwaqt li l-Ħadd filgħaxija issir pellegrinaġġ bis-sehem ta' ż-żewġ baned. Huwa qal li kellna talba li l-Ħadd tingħalaq it-triq, il-kunsill qabel unanimament li tingħalaq it-triq iżda jinħarġu permess għal barjiet mingħajr imwejjed, filwaqt li ma jistgħax jiġu servuti flixkien jew tazzi tal-ħġieġ.

15.07.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm il-possibilta li napplikaw għal xi fondi biex tiġi organizata attivita kbira is-Sibt 8 ta' Awwissu filgħaxija flimkien ma' l-għaqdiet ta' l-lokal. Huwa qal li hemm il-possibilta li jkun hemm diversi artisti popolari maltin inkluż il-Versatile Brass, u l-attivita issir fiz-zona ta' bejn iż-żewġ każini, eżatt kif ninżlu min fejn il-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.08** **Triq Kapplian Mifsud**

15.08.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li qed jiġi propost li jkun hemm fanali kull kantuniera filwaqt li l-bankini tkun inprint. It-tappieri ta' residenti jsiru ħadid biex ikunu iktar resistenti filwaqt li biex nagħmlu l-crossings ta' d-dawl dawn jiswew €6,000 il-waħda. Il-Kunsill qabel unaniment ma dawn il-proposti.

**15.09** **Rapport Finanzjarju Q4 2019**

15.09.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda Rapport Finanzjarju Q4 2019

**Il-Kunsilliera Cynthia Tomassuolo** ipproponiet l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekonda l-mozzjoni.

Rapport Finanzjarju Q4 2019 ġiet approvat b'mod unanimu

**15.10 Estimi Finanzjarji 2020**

15.10.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l- Estimi Finanzjarji 2020

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekondat l-mozzjoni.

Estimi Finanzjarji 2020 ġew approvati b'mod unanimu

**15.11 Estimi Finanzjarji 2020 – 2022**

15.11.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Mejju, 2020.

**Il-Kunsilliera carmen Borg** ippproponiet l-approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2020 - 2022.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekonda l-mozzjoni.

Estimi Finanzjarji 2020 – 2022 ġew approvati b'mod unanimu

**15.12 Skeda ta' Hlasijiet**

15.12.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xagħar ta' Mejju, 2020.

**Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekonda l-mozzjoni.

L-iskeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**15.13 Ħaddiema Klerikali**

15.13.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li saru l-intervisti ul-board għażel lil Sarah Scerri fil-possizjoni ta' Clerk u lil Karen Coleiro Seychell bħala Office Helper. Il-Kunsill approva unaniment.

**15.14 Ħwejjeġ Oħra**

15.14.01 **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** saqsa jekk hemmx xi aħbar dwar il-Bank fil-Ħamrun, huwa ġie informat li sa issa ma hemmx l-ebda żvillup.

15.14.02 **Il-Kunsillier Carmen Borg** irrimarkat li sa tkun qed taħdem biex tixtri xi kotba għal anzjani ta' Day Centre mil-iskema.

**15.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

15.15.01 Il-laqgħa intemmet fid-9:00p.m, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 28 ta' Lulju fis-6:00pm

Konfermati, illum, ____________________

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv